

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 1.3.2010
KUMM(2010)64 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1365/2006 tal-
Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-istatistika ta' trasport
ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni**

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1365/2006 tal-
Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-istatistika ta' trasport
ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni**

WERREJ

	SOMMARJU EŻEKUTTIV	3
1	INTRODUZZJONI	3
1.1	L-ISFOND U L-GĦANIJIET	3
1.2	IL-KUNTEST TA' POLITIKA	4
1.3	REGOLI TA' IMPLIMENTAZZJONI	4
1.4	KOPERTURA TA' STATI MEMBRI U PAJJIŻI OĦRAJN	5
2	L-IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT	5
2.1	KWISTJONIJIET LI SPUNTAW.....	5
2.1.1	Konformità mal-obbligi legali.....	5
2.1.2	Il-piż fuq il-pajjiżi li jagħmlu r-rappurtaġġ għall-implimentazzjoni u l-għoti regolari tad-dejta.....	7
2.1.3	Il-proċess tal-għbir, kumpilazzjoni u validazzjoni tad-dejta.....	7
2.1.4	Kwistjonijiet metodoloġiċi.....	7
2.2	RIŻULTATI.....	8
2.2.1	Trażmissjoni u validazzjoni tad-dejta	8
2.2.2	Gwida metodoloġika	8
2.2.3	It-tqassim tad-dejta.....	8
3	KONKLUŻJONIJIET	9
3.1	ŻVILUPPI GĦAL ŻMIEN QASIR	10
3.2	ŻVILUPPI GĦAL ŻMIEN TWIL	10

WERREJ TA' TABELLI

Tabella 1: Il-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament: it-tqassim ta' dejta miġbura skont is-sena.....	6
Tabella 2: Trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni skont il-pajjiż: id-dejta tal-2008 u t-tkabbir għall-2007-2008.	9

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Ir-Regolament (KE) Nru 1365/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni¹ jispeċifika fl-Artikolu 8 li, sal-15 ta' Ottubru 2009 u wara li jiġi kkonsultat il-Kumitat dwar is-Sistema tal-Istatistika Ewropea (li qabel kien il-Kumitat dwar il-Programm tal-Istatistika), il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. L-għan ta' dan ir-rapport huwa li jkun konformi ma' dak ir-rekwiżit.

Dan ir-rapport ifassal l-isfond, l-għanijiet u l-kuntest tal-politika tal-leġislazzjoni. Jiddiskuti wkoll kwistjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni tiegħu u jiddeskrivi r-riżultati ewlenin miksuba. It-taqsimha finali tipprovdi l-konklużjonijiet u l-iżviluppi futuri possibbli.

Ir-Regolament wassal għal żieda fl-informazzjoni dettaljata dwar it-trasport ta' merkanzija Ewropea minn passaġġi fuq l-ilma interni u tejjeb il-kwalità u l-puntwalità tad-dejta. L-Istati Membri għamlu sforz biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament u l-biċċa l-kbira minnhom qed jipprovdu d-dejta kollha mitluba filwaqt li jirrispettaw iż-żmien stipulat.

1 INTRODUZZJONI

1.1 L-ISFOND U L-GĦANIJIET

Id-dejta dwar il-merkanzija ttrasportata minn passaġġi fuq l-ilma interni bdiet tiġi miġbura fl-1982 wara d-Direttiva tal-Kunsill 80/1119/KEE. Din id-Direttiva antika kellha bosta nuqqasijiet li waqqfu l-monitoraġġ xieraq ta' dan it-tip ta' trasport. Ir-Regolament (KE) Nru 1365/2006 indirizza dawn in-nuqqasijiet u stipula regoli komuni għall-istatistika ta' trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni.

Dan ir-Regolament kien għalhekk imfassal biex jipprovdi lill-Kummissjoni, lill-Istituzzjonijiet oħra tal-UE, lill-gvernijiet nazzjonali u lill-pubbliku ġenerali b'dejta tal-istatistika komparabbli, affidabbli, armonizzata, regolari u komprensiva dwar il-ġarr ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni fl-Unjoni Ewropea.

Ir-rekwiżiti ewlenin tar-Regolament 1365/2006 jistgħu jitqassru kif ġej:

- l-Istati Membri biss li fihom il-volum totali ta' merkanzija ttrasportata kull sena (minn passaġġi fuq l-ilma interni) jaqbeż il-miljun tunnellata jeħtieġu li jipprovdu d-dejta mitluba;
- il-perjodi ta' osservazzjoni huma ta' kull tliet xhur u kull sena; sabiex jitnaqqas il-piż fuq l-Istati Membri l-ebda dejta ta' kull xahar mhija mitluba;
- inqas għbir ta' dejta hija ddefinita għal daww l-Istati Membri fejn m'hemmx trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni ta' tranżitu jew trasport internazzjonali, iżda fejn il-volum totali ta' merkanzija ttrasportata kull sena minn passaġġi fuq l-ilma interni, flivell nazzjonali, jaqbeż il-miljun tunnellata;

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1365/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-istatistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni, ĠU L 264, 25.9.2006, p. 1.

- hemm klassifikazzjoni ssimplifikata ta' tipi ta' bastimenti, u qasam ġdid ta' informazzjoni sabiex jiġu sseparati bastimenti mgħobbija/vojtja u kontenituri;
- dejta tal-merkanzija tiġi miġbura wkoll għal trasport ta' kontenituri;
- id-dejta tal-orijini/destinazzjoni ġeografika għandha tiġi pprovduta fil-livell NUTS2.

1.2 IL-KUNTEST POLITIKU

It-trasport minn passaġġi tal-ilma interni għandu rwol rilevanti (madwar 5 sa 6 % ftunnellata-km) fi trasport intern ta' merkanzija fl-Ewropa.

Il-karatteristiċi ewlenin ta' trasport minn passaġġi tal-ilma interni fl-Ewropa huma:

- disponibilità ta' netwerk wiesa' ta' passaġġi tal-ilma (aktar minn 37 000 km); 20 Stat Membru għandhom passaġġi tal-ilma interni u 12 minnhom għandhom netwerk ta' passaġġi tal-ilma interkonnessi;
- affidabilità, sigurtà u impatt ambjentali baxx;
- livell għoli ta' sikurezza; dan huwa partikolarment importanti għat-trasport ta' merkanzija perikoluża;
- effiċjenza għolja fl-enerġija; il-konsum tal-enerġija kull tunnellata-km hija madwar 17 % tat-trasport bit-triq u 50 % tat-trasport ferrovjarju.

Il-potenzjal sabiex jiżded is-sehem modali ta' passaġġi tal-ilma interni huwa sinifikanti; dan huwa notevolment rilevanti mil-lat tal-konġestjoni frekwenti u problemi ta' volum ma' mezzi oħra ta' trasport. Żvilupp ulterjuri ta' trasport minn passaġġi tal-ilma interni jistgħu jgħinu sabiex inaqqsu l-konġestjoni fin-netwerk tat-toroq li jkunu mgħobbija żżejjed f'żoni b'popolazzjoni densa.

Sabiex tiġi żviluppata Politika Komuni tat-Trasport, għandna bżonn l-aqwa għarfien possibbli tal-medda u s-sitwazzjoni tat-trasport minn passaġġi tal-ilma interni. Il-White Paper *Il-politika Ewropea tat-trasport għall-2010: żmien li niddeċiedu*² ddefiniet l-għan tal-Politika Komuni tat-Trasport: sabiex tgħin biex tipprovi lill-Ewropej sistemi ta' trasport effiċjenti u effettivi. Dan l-għan inżamm fir-*Reviżjoni ta' Nofs it-Terminu* tal-White Paper³, għalkemm aktar orjentat biex jiżgura l-mobbiltà sostenibbli fl-Ewropa. L-istatistika Komunitarja ta' passaġġi tal-ilma interni tintuża għall-ħolqien, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-politiki tat-trasport tal-UE, kif ukoll politiki tal-UE dwar temi oħra bħal funzjonament tas-suq intern. Il-ġbir ta' dejta jgħin ukoll sabiex jippromwovi trasport minn passaġġi tal-ilma interni u jintegrah fil-katina tal-loġistika intermodali.

² COM (2001) 370 tat-12 ta' Settembru 2001.

³ COM(2006) 314 tat-22 ta' Ġunju 2006: 'Inżommu lill-Ewropa miexja – Il-mobbiltà sostenibbli għall-kontinent tagħna. Ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Kummissjoni Ewropea tal-White Paper dwar it-Trasport tal-2001'.

1.3 REGOLI TA' IMPLIMENTAZZJONI

Ir-Regolament 1365/2006 jagħti s-setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni, li għandhom ikunu eżerċitati permezz tal-proċedura ta' komitoloġija kif stabbilit fl-Artikoli 9 u 10. L-Eurostat uża din il-proċedura biex jadotta għadd ta' regoli dwar aspetti varji ta' implimentazzjoni. Dawn ir-regoli huma adottati fil-forma ta' Regolamenti tal-Kummissjoni, wara li kkonsulta l-Kumitat dwar is-Sistema tal-Istatistika.

S'issa ġew adottati żewġ Regolamenti implimentattivi tal-Kummissjoni.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni 425/2007⁴ jipprovdi għadd komprensiv ta' arranġamenti ta' implimentazzjoni, inkluż lista dettaljata tad-definizzjonijiet, spjegazzjonijiet u linji gwida tar-rappurtaġġ tad-dejta. Jagħti wkoll deskrizzjoni ddettaljata tal-fajls tad-dejta mitluba u l-mezz ta' trażmissjoni.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni 1304/2007⁵ huwa mmirat lejn it-twaqqif tal-NST 2007 bħala l-klassifikazzjoni unika għal merkanzija ttrasportata.

1.4 KOPERTURA TA' STATI MEMBRI U PAJJIŻI OĦRAJN

Ir-Regolament 1365/2006 japplika direttament u fl-intier tiegħu għall-Istati Membri kollha. Ma għandux għalfejn jiġi trasport fil-leġislazzjoni nazzjonali.

Skont ir-rekwiżiti tar-Regolament, 13-il Stat Membru (BE, BG, CZ, DE, FR, LU, HU, NL, AT, PL, RO, SK u UK) huma obbligati li jipprovdu d-dejta. Kif iddikjarat fl-Artikolu 2 tar-Regolament, ir-Renju Unit huwa soġġett għal dispożizzjoni ta' inqas dejta.

Għalkemm mhux mitlub mir-Regolament, tliet Stati Membri (FI, IT u LT) jipprovdu dejta fuq bażi volontarja. Barra minn hekk, sitt Stati Membri (BE, BG, CZ, LU, HU u RO) jipprovdu wkoll dejta li mhix obligatorja (traffiku tal-bastimenti, trasport ta' merkanzija perikoluża u numru ta' inċidenti) fuq bażi volontarja.

Fil-każ ta' pajjiżi kandidati, il-Kroazja pprovdiet dejta ta' tliet xhur tas-sena u l-ġabra ta' dejta E1 imnaqqsa għas-sena ta' referenza 2007. Għas-sena ta' referenza 2008 il-Kroazja pprovdiet id-dejta kollha mitluba permezz tar-Regolament u, fuq bażi volontarja, dejta dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża.

⁴ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 425/2007 tad-19 ta' April 2007 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1365/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni, ĠU L 103, 20.4.2007, p. 26.

⁵ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1304/2007 tas-7 ta' Novembru 2007 li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/64/KE, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98, ir-Regolament (KE) Nru 91/2003 u (KE) Nru 1365/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-twaqqif tal-NST 2007 bħala l-klassifikazzjoni unika għall-merkanzija ttrasportata b'ċerti mezzi ta' trasport, ĠU L290, 8.11.2007, p. 14.

2 L-IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT

2.1 KWISTJONIJIET LI SPUNTAW

2.1.1 Konformità mal-obbligi legali

Konformità mal-obbligi tad-dispożizzjonijiet tad-dejta ddefiniti fir-Regolament tgiebet fil-perjodu msemmi. L-Istati Membri kollha pprovdew il-ġabriet ta' dejta mandatorji kollha u f'ċerti każi biss inqabżet id-data tal-iskadenza stipulata mir-Regolament. Id-dewmien ikun partikolarment minħabba l-introduzzjoni ta' proċeduri ġodda li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament, u li huma mistennija li jisparixxu fil-futur qrib.

It-tabella 1 turi t-tqassim tad-dejta għall-perjodu 2007-2008 skont il-ġabra tad-dejta u l-perjodiċità. Il-ġabra tad-dejta D1 u D2 huma ta' kwart tas-sena, il-ġabra tad-dejta l-oħra kollha huma annwali.

Tabella 1: Il-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament: it-tqassim ta' dejta miġbura skont is-sena

	2007							2008						
	Kull tliet xhur		Annwali					Kull tliet xhur		Annwali				
	D1	D2	A1	B1	B2 ⁽¹⁾	C1	E1	D1	D2	A1	B1	B2 ⁽¹⁾	C1	E1
Il-Belġju	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x
Il-Bulgarija	x	x	x	x	:	x	x	x	x	x	x	:	x	x
Ir-Repubblika Ċeka	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x
<i>Id-Danimarka</i>														
Il-Ġermanja	x	x	x	x	:	x		x	x	x	x	:	x	
<i>L-Estonja</i>														
<i>I-Irlanda</i>														
<i>Il-Greċja</i>														
<i>Spanja</i>														
Franza	x	x	x	x	:	x		x	x	x	x	:	x	
<i>L-Italja⁽¹⁾</i>							x							
<i>Ċipru¹</i>														
<i>Il-Latvja¹</i>														
<i>Il-Litwanja⁽¹⁾</i>							x							x
Il-Lussemburgu	x	0	x	x	x	0	x	x	x	x	x	x	x	x
L-Ungerija	x	0	x	x	:	0	x	x	0	x	x	x	0	x
<i>Malta</i>														
L-Olanda	x	x	x	x	:	x	x	p	p	p	p	:	p	p
L-Awstrija	x	x	x	x	:	x	x	x	x	x	x	:	x	x
Il-Polonja	x	x	x	x	:	x	x	x	0	x	x	:	0	x
<i>Il-Portugall</i>														
Ir-Rumanija	x	x	x	x	:	x	x	x	x	x	x	:	x	x
<i>Is-Slovenja</i>														
Is-Slovakkja	x	x	x	x	:	x		x	x	x	x	:	x	
<i>Il-Finlandja⁽¹⁾</i>							x							x
<i>L-Isvezja</i>														
Ir-Renju Unit ⁽²⁾							x							p
<i>Il-Kroazja⁽¹⁾</i>	x	0					x	x	0	x	x	:	0	

⁽¹⁾ *Dispożizzjoni tad-dejta fuq bażi volontarja*

⁽²⁾ *Ġabra ta' dejta E1 annwali biss għandha tiġi pprovduta*

: Mhux provduta

x Dispożizzjoni tad-dejta ffinalizzata

p Proviżorja

0 L-ebda fajl mibgħut minħabba li m'hemmx trasport ta' kontenitur għal perjodu inkwistjoni

M'hemmx obbligu mir-Regolament sabiex din id-dejta tiġi pprovduta

Għad fadal xi problemi għal ċerti Stati Membri. Il-kwistjonijiet ewlenin jipprovdu dejta sħiħa tat-tranżitu u ż-żamma tad-data tal-iskadenza tat-T+5 xhur mitluba mir-Regolament. Xi wħud mill-pajjiżi diġà qed jieħdu miżuri korrettivi jew għandhom pjanijiet sabiex itejbu s-sistemi tagħhom biex jiżguraw konformità sħiħa mar-rekwiżiti legali. Madankollu, l-isforzi għandhom ikomplu sabiex daww il-kwistjonijiet jiġu indirizzati b'mod effiċjenti.

2.1.2 *Il-piż fuq il-pajjiżi li jagħmlu r-rappurtaġġ tal-implimentazzjoni u l-għoti regolari tad-dejta*

Fil-maġġoranza tal-pajjiżi li jagħmlu r-rappurtaġġ, li jkunu konformi mar-Regolament kien jeħtieġ proċessi li kellhom jiġu estenzi jew adattati. F'pajjiżi oħra, ġabra ta' dejta kompletament ġdida u proċess ta' kumpilazzjoni kienu meħtieġa. Fi ftit każijiet biss ma ttieħdu l-ebda miżuri rilevanti, minħabba li l-proċessi eżistenti kienu biżżejjed biex jissodisfaw ir-rekwiżiti. Għandu jingħad ukoll li l-Bulgarija, il-Kroazja u r-Rumanija ibbenefikaw (fi ħdan il-Programm multibenefiċjarju ta' kooperazzjoni tal-istatistika 2006) mill-appoġġ metodoloġiku sabiex iwassal l-istatistika dwar it-traffiku tat-tranżitu fid-Danubju.

Għad-dospożizzjoni regolari tad-dejta, ix-xogħol involut jitqies aċċettabbli mill-maġġoranza l-kbira tal-pajjiżi li jagħmlu r-rappurtaġġ. Xi wħud mill-pajjiżi jikkunsidraw ir-rappurtaġġ tad-dejta tat-tranżitu bħala piż maġġuri.

F'termini ta' spiża, ir-Regolament 1365/2006 kien maħsub b'għanijiet speċifiċi ta' tnaqqis tal-piż fuq l-Istati Membri. Dawn l-isforzi huma evidenti mid-deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tar-Regolament (punt 1.1).

2.1.3 *Il-proċess tal-ġbir, kumpilazzjoni u validazzjoni tad-dejta*

Il-proċessi tal-ġbir u l-kumpilazzjoni tad-dejta ivarjaw bejn il-pajjiżi li jagħmlu r-rappurtaġġ, iżda jsegwu fluss tradizzjonali ta' tagħrif minn isfel għal fuq. Il-fornituri tad-dejta jvadjaw ukoll bejn pajjiż u ieħor iżda s-sorsi l-aktar frekwenti huma l-awtoritajiet tal-port u tal-maġhluq. Il-pajjiżi jimlew id-dejta tagħhom b'informazzjoni li tkun waslet minn medda wiesgħa ta' sorsi li jinkludu ufficiċji doganali, pajjiżi ġirien, operaturi privati, kumpaniji u aġenziji.

L-aktar Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti (ANK) japplikaw kontrolli ta' validazzjoni qabel jibagħtu l-informazzjoni lill-Eurostat, billu jużaw proċeduri ta' kontrolli żviluppati internament. Ir-regoli ta' validazzjoni jkopru ħafna aspetti tal-proċess inkluż il-format tad-dejta, il-kodifikazzjoni, il-konsistenza interna ta' kull ġabra ta' dejta, konsistenza bejn il-ġabriet tad-dejta u l-varjabbli, konsistenza tas-serje taż-żmien, eċċ.

Madwar nofs il-pajjiżi li jagħmlu r-rappurtaġġ qed jippjanaw li jużaw dejta miksuba mis-Servizz tal-Infurmazzjoni tax-Xmajjar (RIS) fil-futur qrib, iżda numru limitat ħafna minnhom biss diġà jużaw id-dejta tar-RIS.

Il-pajjiżi kollha li jagħmlu r-rappurtaġġ jagħmlu użu dirett jew indirett mid-dejta miġbura f'livell nazzjonali, jew għal għanijiet ta' politika jew għal tqassim.

2.1.4 *Kwistjonijiet metodoloġiċi*

L-arranġamenti metodoloġiċi tar-Regolamenti tal-Kummissjoni 425/2007 u 1304/2007 pprovdew qafas komuni biex jiġi żgurat il-ġbir armonizzat tad-dejta u l-produzzjoni ta' riżultati komparabbli.

Matul il-perjodu inkwistjoni, il-Bulgarija talbet għal kjarifiki dwar ir-rappurtaġġ ta' bastimenti li jintużaw għal għanijiet ta' laneċ.

L-ebda kwistjonijiet oħra metodoloġiċi maġġuri ma tqajmu.

2.2 **RIŻULTATI**

2.2.1 *Trażmissjoni u validazzjoni tad-dejta*

L-Artikolu 5 tar-Regolament 1365/2006 jeħtieġ it-trażmissjoni tad-dejta mhux iktar tard minn ħames xhur wara t-tmiem tal-perjodu taż-żmien tal-osservazzjoni. Matul dan il-perjodu inkwistjoni, il-maġġoranza tal-Istati Membri kienu konformi ma' din id-data ta' skadenza, u titjib ulterjuri huwa mistenni fil-futur qrib.

Fir-rigward tal-arranġamenti tekniċi għat-trażmissjoni tad-dejta, intlaħaq livell għoli ta' standardizzazzjoni. Id-dejta tiġi trażmessa elettronikament lill-Eurostat filwaqt li tuża l-istruttura mitluba għall-fajls tad-dejta u l-format tar-reġistrazzjoni. Dan jippermetti integrazzjoni malajr tal-infurmazzjoni fuq id-database tal-produzzjoni tal-Eurostat u sejba minn kmieni ta' żbalji bażiċi u kodiċi mhux magħrufa.

Ladarba d-dejta tiddaħħal fid-database tal-produzzjoni tal-Eurostat, jiġu applikati proċeduri dettaljati ta' validazzjoni sabiex tiġi kkontrollata l-kwalità tad-dejta trażmessa. Il-validazzjoni tkopri l-konsistenza interna tal-ġabriet ta' dejta, il-konsistenza maż-żmien, il-koerenza bejn il-ġabriet ta' dejta u t-tqabbil tar-riżultati bejn il-pajjiżi msieħba li jagħmlu r-rappurtaġġ (verifiki).

Il-livell globali tal-kwalità tad-dejta jista' jiġi ġġudikat bħala aċċettabbli, iżda l-isforzi għadhom mitluba, speċjalment sabiex jitnaqqsu l-assimetriji enfasizzati bil-verifiki u jittejjeb ir-rappurtar tad-dejta tat-tranżitu.

2.2.2 *Gwida metodoloġika*

Il-Eurostat ipproduċa Manwal ta' *Referenza dwar l-Istatistika tat-Trasport minn Passaġġi fuq l-Ilma Interni* sabiex jipprovdi gwida lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-Regolament. Il-Manwal ta' Referenza jiġi aġġornat kull sena biex jinkludi t-tagħrif, id-dokumentazzjoni jew il-linji gwida l-aktar reċenti, rilevanti għall-ġabra ta' din l-istatistika.

2.2.3 It-tqassim tad-dejta

Id-dejta miġbura taħt ir-Regolament 1365/2006 mhix kunfidenzjali u ma teżisti l-ebda limitazzjoni speċjali dwar it-tqassim tad-dejta.

L-Eurostat jippubblika d-dejta miġbura permezz tad-database ta' tqassim tiegħu, li hija aċċessibbli liberament mill-websajt tal-Eurostat. Hemm 18-il tabella li mtlew bid-dejta miġbura taħt ir-Regolament 1365/2006 u, fejn hu possibbli, anki bid-dejta miġbura taħt id-Direttiva tal-Kunsill 80/1119/KEE.

L-Eurostat ixxerred din l-informazzjoni wkoll permezz ta' pubblikazzjonijiet speċifiċi bħas-sensjela *Statistics in Focus* li jipprovdu analiżi tad-dejta għall-mezzi tax-xandir u għall-pubbliku ġenerali.

Fit-tabella 2 hemm xi ċifri ewlenin dwar it-trasport Ewropew minn passaġġi fuq l-ilma interni, miġbura fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament.

Tabella 2: Trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni skont il-pajjiż: id-dejta tal-2008 u t-tkabbir għall-2007-2008.

	1000 Tunnellata		Mio TKM	
	2008	Tkabbir 2007 – 2008	2008	Tkabbir 2007 – 2008
Il-Belġju	130350	-3.2%	8746	-2.9%
Il-Bulgarija ⁽⁵⁾	10956	+65.4%	2890	+185.9%
Ir-Repubblika Ċeka	752	-34.1%	28	-23.7%
Id-Danimarka	-	-	-	-
Il-Ġermanja	245674	-1.3%	64056	-1.0%
L-Estonja	-	-	-	-
L-Irlanda	-	-	-	-
Il-Greċja	-	-	-	-
Spanja	-	-	-	-
Franza	72807	-4.2%	8910	-3.2%
L-Italja ⁽¹⁾	:	-	:	-
Ċipru	-	-	-	-
Il-Latvja	-	-	-	-
Il-Litwanja ⁽¹⁾	146	+15.7%	12	+16.1%
Il-Lussemburgu	10984	+9.9%	367	+6.6%
L-Ungerija	8829	+5.0%	2250	+1.7%
Malta	-	-	-	-
L-Olanda ⁽²⁾	333202	-3.8%	44979	-1.9%
L-Awstrija	11209	-7.4%	2359	-9.2%
Il-Polonja	6101	-5.3%	277	+9.7%
Il-Portugall	-	-	-	-
Ir-Rumanija	30295	+3.0%	8687	+6.0%
is-Slovenja	-	-	-	-
Is-Slovakkja	8371	+4.5%	1101	+9.7%
Il-Finlandja ⁽¹⁾	335	-28.9%	80	-20.9%
L-Isvezja	-	-	-	-
Ir-Renju Unit ⁽³⁾	3415	-3.6%	149	-8.3%
UE-27 ⁽²⁾⁽⁴⁾	511442	-2.7%	144891	+0.1%
Il-Kroazja ⁽¹⁾	880	-40.0%	79	-27.9%

- (1) *Għoti ta' dejta fuq bażi volontarja*
- (2) Dejta provviżorja u kkalkolata
- (3) Ġabra ta' dejta E1 annwali biss għandha tiġi pprovduta
- (4) Dejta Taljana tal-2007 li ma ġietx ikkunsidrata għal kalkolu tar-rata tat-tkabbir
- (5) Iż-żieda rilevanti hija minħabba l-bidu tar-rappurtaġġ tal-BG tad-dejta tat-tranżitu tal-2008
- : Mhux disponibbli
- Mhux applikabbli

3 KONKLUŻJONIJIET

L-esperjenza u r-riżultati miksuba mal-implimentazzjoni tar-Regolament 1365/2006 jistgħu jitqiesu, b'mod ġenerali, bħala pożittivi ħafna. L-adozzjoni tar-Regolament, ix-xogħol li sar u r-riżorsi allokatu għat-twaqqif tal-istrutturi meħtieġa kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-Eurostat, ippermettew il-produzzjoni rapida ta' riżultati komparabbli u ta' kwalità għolja.

L-għoti tad-dejta fis-sentejn ta' wara tjebu, għalkemm għad fadal xi problemi pendent, partikolarment fir-rigward tal-komparabilità, il-kompletezza u l-perjodiċità tal-ġabriet tad-dejta mogħtija.

Ħafna mill-kwistjonijiet marbuta mal-interpretazzjoni tar-Regolament, il-ġbir, il-kumpilazzjoni, it-trażmissjoni u l-validazzjoni tad-dejta ġew indirizzati. Ir-Regolament wassal għal disponibilità akbar ta' informazzjoni dwar is-settur u tnaqqis fil-piż għall-pajjiżi li jagħmlu r-rappurtaġġ.

Fir-rigward tal-użu tad-dejta, ir-riżultati miksuba għandhom applikazzjoni immedjata fit-tfassil tal-politika, b'mod partikolari għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u s-sorveljanza tal-politiki tat-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-UE. It-tqassim ta' dejta permezz ta' mezzi pubbliċi varji għen biex jagħti viżibilità lill-proċess kollu u biex jipprovdi prospett fuq l-investment tar-riżorsi li ġew investiti fih.

3.1 ŻVILUPPI GĦAL ŻMIEN QASIR

Fi żmien qasir, (sena jew sentejn) l-isforzi għandhom ikunu kkonċentrati fuq il-kwistjonijiet li ġejjin:

- aktar titjib fil-kwalità tad-dejta għal ċerti elementi. Il-pajjiżi li jagħmlu r-rappurtaġġ jeħtieġu li jagħmlu aktar sforzi sabiex inaqqsu d-differenzi iffokati mill-verifiki u jtejbu l-għoti tad-dejta tat-tranżitu tat-trasport. Ir-riżultati jistgħu jinkisbu f'dan il-qasam b'kollaborazzjoni mtejba bejn il-pajjiżi li jagħmlu r-rappurtaġġ;
- it-tkabbir tal-UE għandu jinkludi l-Kroazja. L-Eurostat ser jassisti dan il-pajjiż kandidat sabiex ikun konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-istatistika ta' trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni.

3.2 ŻVILUPPI GĦAL ŻMIEN TWIL

Ir-Regolament 1365/2007 huwa pjuttost riċenti, iżda diġà possibbli li jiġu identifikati xi żviluppi possibbli:

- il-kwalità tad-dejta miġbura tista' tibbenifika mill-introduzzjoni progressiva ta' reġistru Ewropew għal bastimenti għall-passaġġi tal-ilma interni u l-użu estensiv tas-Servizzi tal-Infommazzjoni tax-Xmajjar;
- ġbir ta' varjabbli ġodda u iktar dettaljati jistgħu jiġu kkunsidrati, skont il-ħtiġijiet tal-utenti tad-dejta u l-piż potenzjali fuq min iwieġeb. Żewġ punti ta' interess partikolari huma: estensjoni ulterjuri ta' forniment ta' dejta dwar 'trasport ta' merkanzija perikoluża' u l-ġbir ta' livell aktar dettaljat ta' dejta dwar it-'tip ta' merkanzija' (klassifikazzjoni NST 2007);
- estensjoni ta' kopertura ġeografika ta' statistika, possibilment minħabba tkabbir tal-ġejjieni tal-UE u involviment volontarju ta' pajjiżi li mhumiex fl-UE u/jew organizzazzjonijiet internazzjonali permezz ta' ftehim ta' kooperazzjoni.